MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 245/2012

**NATALINO CAMILLERI LIMITED** (C – 14567)

vs

Michael **COSTA** u Unique Construction and Development Limited

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fis-6 ta' Marżu, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qort (i) taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ għall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u (ii) tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom biex iħallsuha s-somma ta' sebgħa u għoxrin

elf u sittin euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmi (€27,060.25) li tirrappreżenta l-bilanċ minn somma akbar dovuta bħala prezz ta' l-istallazzjoni u l-konsenja ta' "*lift*" għall-persuni u vetturi f'korp ta' appartamenti fi Triq Howard, Sliema. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat li l-imħarrkin kienu notifikati kif imiss bil-mezz tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni għall-finijiet tal-artikolu 187 tal-Kap12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li, meta ssejħet il-kawza waqt is-smigħ tal-lum, l-edba wieħed mill-imħarrkin jew rappreżentant tagħhom ma deher quddiem il-Qorti;

Rat in-Nota mressqa mill-Avukat Luciano Busuttil waqt is-smigħ tal-lum, li biha ċeda l-atti tal-kawża fil-mertu, stante ħlas tas-"*sorte*" fil-mori tal-kawża, iżda żamm sħiħ il-kap tal-ispejjeż;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tastjeni** milli tqis it-talbiet attriċi fil-mertu stante li l-proċess huwa eżawrit biċ-ċessjoni; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------